QORTI TAL- APPELL KRIMINALI .

Onor. Imhallef Joseph G. Galea Debono B.A., LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 11 t'April, 2002.

Appell Nru. 24/2002 IL-PULIZIJA.

vs.

ANDREW DEGABRIELE .

Il-Qorti ,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Andrew Degabriele quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Jannar, 2001, ghall-habta tat-3.15 p.m. , fi Triq D'Argens, Gzira, saq vettura FAO -386 (1) b'manjiera perikoluza ; (2) naqas jiehu il-prekawzjonijiet mehtiega meta resaq lejn salib it-toroq u (3) b'nuqqas ta' hsieb , bi traskuragni u b'nuqqas ta'tharis tar-regolamenti , habat ma vettura nru. IBE-761 u involontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' David Attard.

Rat is-Sentenza moghtija mill-istess Qorti fit-30 ta' Jannar, 2002, li biha iddecidiet li l-ewwel akkuza kontra l-appelant ma tirrizultax , fil-waqt li irrizultaw it-tieni u t-tielet akkuza dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 15 (1)(a)(2) u 18 (2) tal-Kap.65 , l-M.V.R. 71 u l-artikolu 328 tal-Kap.9 , ikkundannatu ghall-multa ta' erbghin lira Maltin (LM40) .

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant tas-6 ta' Frar, 2002, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza imsemmija billi tikkonfermha in kwantu sabitu mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni u tirrevokha in kwantu sabitu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

Rat li l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li minkejja li hu kien qed isuq fuq Rue d'Agens, li hija wahda mit-toroq principali ta' Malta u bl-ebda mod ma kien qed isuq b' nuqqas ta'hsieb u bi traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u minkejja li il-kawza prossima tal-incident de quo kien is-sewqan tad-driver l-iehor David Attard li ma hax il-prekawzjonijiet dovuti , meta minn triq laterali hareg ghal fuq l-istess Rue d'Argens u b'hekk imblokka il-passagg tal-appellant, hu xorta wahda instab hati ta' dawn l-akkuzi .

Semghet it-trattazzjoni ,

Ikkonsidrat.

Illi hu assodat li l-appellant kien qed isuq il-mutur numru FAO-386 fit-triq principali li hija Rue d'Argens u meta wasal fil-junction ma Msida Road , fejn il-ground , hargitlu il-car numru IBE 761 mill-gemb xellugi tieghu u, ghalkemm hu ipprova jevitha billi jigbed lejn il-lemin , ma irmexxilux jevita il-kollizzjoni . Illi l-unika motivazzjoni li adduciet l-ewwel Qorti biex issib htija kontra l-appellant kien li "nonostante illi huwa l-main road user "" , "huwa kien diga ra lill-iehor ilesti biex johrog".

Illi David Attard , quddiem din il-Qorti xehed li hu ma kienx rah lill-appellant qabel il-habta u dan hu kaz manifest ta' nuqqas ta' "proper lookout" da parti tas-side road user" li jmissu wassal lill-ewwel Qorti

biex tivvaluta differentement ir-responsabilta' ghad-dinamika tal-incident u titfa' l-htija fuq min ma rax dak li ragonevolment kellu id-dover li jara u mhux fuq min kien qed izomm proper lookout , izda kellu ir-"right of way" favur tieghu.

Illi kif irriteniet din il-Qorti fis-Sentenza taghha tal-lum stess fil-kawza "Pulizija vs. Domenic Fenech" gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta li :- "hu dover ta' driver "to see what is in plain view" (App. Krim. Pul. vs. Joseph Vella -10.8.1963) u li : "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma jkunx qed izomm "a proper lokout." (App. Krim. Pul. vs. J. M. Laferla ; 17.6.1961) Gie ukoll ritenut li "is-side road user ghandu dritt li jaqsam gol-"main road" meta, bid-debita prudenza, ikun accerta ruhu li din hi libera ." - (App. Krim. Pul. vs. Nazzareno Borg ; 12.11.1960) u "side road user" irid jidhol go "main road" bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux " ; (App. Krim. Pul. vs. Giuseppe Galdes ; Vol. XXXVII , p.1108)

Illi l-awtur O.C. MAZENGARD fil-monografija tieghu : "Negligence on the Highway" (Butterworth's Edit. 1962 .pp.326-327) jghid :-

> "...there is a well recognised rule that traffic entering or crossing a main road must give way to traffic proceeding along the main road from either direction ...It is important that the rule should be strictly observed and the right which it confers should not be allowed to be whittled away ; drivers who have the rule in their favour are entitled to expect that the rule will be observed by others."

Illi ghalkemm huwa minnu ukoll li gie ritenut minn din il-Qorti li f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu , indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor , ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti tas-sewwieq l-iehor (App.Krim . Pul. vs. Gaetano Schembri ; 16.3.1961 ; Pul. vs. John Polidano , 3,11.1963 u Pul. vs. Rev. C. Mifsud ; VOL. XXXVII . p.1131 u ohrajn ) kif ukoll li il-"contributory negligence " ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx hi kawza unika tas-sinistru " (App. Krim. Pol. vs. P. Vassallo , VOL. XXXVIII p. 883) fil-fehma ta' din il-Qorti , dan hu proprju il-kaz li incident stradali gara unikament minnhabba in-negligenza tal-parti l-ohra involuta fl-incident u cioe' il-fatt li is-"side road user" David Attard ma rax il-mutur tal-appellant gej lejn l-inkrocju qabel ma hareg fuq u beda jaqsam il-"main road". Ovvjament jekk ma rahx gej dan kien indikattiv ta' nuqqas ta' "proper lookout" da parti tad-driver l-iehor li impedietu milli umbaghad jikkoordina il-manuvri tal-car tieghu ma dik tal-mutur tal-appellant.

Fil-fehma ta' din il-Qorti il-htija tad-driver l-iehor David Attard kienet assorbenti u fin-nuqqas ta'prova tal-icken grad ta' sewqan hazin da parti tal-appellant , din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra hlief li tillibera lill-appellant ukoll mit-tieni u t-tielet akkuzi dedotti kontra tieghu .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fit-30 ta' Jannar, 2002, billi fil-waqt li tikkonfermha in kwantu sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni ta' sewqan b'manjiera perikoluza u minnha illiberatu , tirrevokha in kwantu sabitu hati tat-tieni u t-tielet akkuzi dedotti kontra tieghu , billi issibu ukoll mhux hati taghhom u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Paul Miruzzi
Dep. Registratur